

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Ottubru 2017 – Kuka Systems vs EUIPO (MATRIX BODY SHOP)**(Kawża T-683/16) ⁽¹⁾****(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali MATRIX BODY SHOP — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”)**

(2017/C 412/41)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Kuka Systems GmbH (Augsburg, il-Ġermaniż) (rappreżentanti: B. Maneth u C. Huch-Hallwachs, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Lulju 2016 (Każ R 2503/2015-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali MATRIX BODY SHOP bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kuka Systems GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 410, 7.11.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Ottubru 2017 – Possanzini vs Frontex**(Kawża T-686/16 P) ⁽¹⁾****(“Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Proċedura ta' evalwazzjoni 2009 — Kompetenzi tal-validatur — Emenda tal-evalwazzjoni inizjali tal-evalwatur mill-validatur — Ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali — Eżami ex Officio”)**

(2017/C 412/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Daniele Possanzini (Pisa, l-Italja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Appellata: L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) (rappreżentanti: H. Caniard u S. Drew, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (l-Ewwel Awla) tat-18 ta' Lulju 2016, Possanzini vs Il-Kummissjoni (F-68/15, EU:F:2016:150), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.